**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL. D**

**Illum 15 ta' Frar 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Eman Hayman)**
**Vs**
**Michael Azzopardi**

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Michael Azzopardi detentur tal-karta ta' l-identita 220675M, fejn gie akkuzat talli nhar it-03/02/2022 ghal ħabta ta' 9PM u fis-siegħat u, jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa Bormla u diversi postijiet ġewwa dawn il-gżejjer;

1. Ikkaġuna lil martu Romina Azzopardi, fastidju meta ġab ruħu b'mod li missu kien jaf li kien qed ikun tali fil-preżenza ta' minuri, liema delitt twettaq ripetutament u li tali ta' fastidju sar b'mod li jammonta għal segwiment ta' persuna bil-moħbi;

2. Ħebb sabiex jinġurja, idejjaq jew jagħmel ħsara lil Romina Azzopardi jew lil ħaddieħor,kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi;

3. Għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-kodiċi kriminali lil Romina Azzopardi jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

U talli fl-istess dati, hinijiet, lokalitajiet u cirkostanzi

4. Kiser Ordni ta' Protezzjoni imposta fuqu mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Dr. L. Lanfranco LL. D fejn il-Qorti kienet ipprovdiet għas-sigurtà ta' Romina Azzopardi;

Il-Qorti hija ġentilment mitluba li toħroġ ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Michael Azzopardi a benefiċju ta' Romina Azzopardi u 'l-familjari tagħha u dan fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għall-persuni ta' Romina Azzopardi jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil Michael Azzopardi billi tapplika l-Artikoli 382A et seq tal-Kap 9 tal-Liġijijet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil Michael Azzopardi b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma ta' flus li tiġi iffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq tal-Kap 9 tal-Liġijijet ta' Malta, għal zmien li tħoss xieraq;

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkużat/i ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-Ufficjal Prosekutur bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fl-udjenza ta` llum stess ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu u l-insistenza f'din l-ammissjoni wara li kien inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Qieset dak ivverbalizzat fl-udjenza ta` llum stess fejn l-imputat iddikjara li kellu bizzejjed zmien biex jerga jirrikonsidra u li fehem sewwa n-natura tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u li fehem wkoll li l-ammissjoni tieghu, kif fehmitu din il-Qorti fl-udjenza, kellha ggib konsegwenzi serji fil-piena.

Semghet is-sottomissjoniet finali dwar il-piena/sanzjoni.

**Ikkunsidrat**;

Illi in vista ta' din l-ammissjoni, u la darba ma hemm xejn x'jindika lil din il-Qorti li ma ghandhiex toqghod fuq tali ammissjoni, u wara li qieset l-atti, l-Qorti m'ghandiex triq ohra hlief li tghaddi ghad-dikjarazzjoni ta` htija skond l-ammissjoni tieghu.

**Ikkundisrat**;

Illi in tema ta' piena/sanzjoni din il-Qorti qed tqis l-ammisjoni bikrija tal-imputat, apparti naturalment in-natura serja ta` l-imputazzjonijiet dedotti

**Konkluzjoni.**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 251AA, 251H, 251HA, 222(1), 202, 339(1)(D)(E) u 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati, fuq ammisjoni tieghu stess, ta` l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u;

a. dwar l-ewwel imputazzjoni (1), tikkundanah ghall-piena tal-multa fis-somma ta' (€500) hames mitt ewro u;
b. dwar it-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba (4) imputazzjonijiet, minflok piena, tordna li, ai termini ta' Arikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tliet (3) snin millum bil-kundizzjonjiet li jidhrilhom li ghandhom jimponu, minn zmien ghal zmien, l-ufficcju tal-probation.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputat bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation u l-kondizzjonijiet l-ohra applikabbli skond il-ligi u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation, tista' tinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' probation ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation u Parole sabiex

jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat Michael Azzopardi.

**Ordni skond l-Artikoli 382A u 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 382A u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl tal-atteggjament tieghu, kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta' Romina Azzopardi u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma tal-ordni pubbliku, l-Qorti qeghda bil-prezenti u f'termini generali taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Michael Azzopardi billi tipprojbixxi u tirrestringi lill-istess Michael Azzopardi milli javvicina jew b'xi mod isegwi l-movimenti tal-persuna msemmija, u billi tipprojbixxi lil Michael Azzopardi milli jikkuntattja jew jimmolesta lill-persuna msemmija,

U dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu massimu dispost mill-Ligi li jibda jiddekorri mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Il-Qorti fissret lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikser din l-Ordni mposta.

Dr Ian Farrugia LLD
Magistrat

Marica Mifsud
Deputat Registratur